

### **Aggravji u argumenti prinċipali**

- 1) Nuqqas ta' motivazzjoni
- 2) Nuqqas ta' eżami adegwat tal-kwistjoni ta' jekk il-ftehim kontenjuż kienx fir-realtà deċiżjoni tal-konvenut
- 3) Ksur ta' kwistjonijiet ta' fatti rilevanti
- 4) Nuqqas ta' eżami tal-provi tal-proċess
- 5) Nuqqas ta' eżami sħiħ u ta' evalwazzjoni tal-kwistjonijiet importanti
- 6) Assenza ta' talbiet ta' informazzjoni addizzjonali rilevanti
- 7) Teħid ta' deċiżjoni mingħajr informazzjoni suffiċjenti disponibbli
- 8) Ksur tal-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-294/83

**Appell ippreżentat fil-21 ta' April 2017 minn NM mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġeneral (L-Ewwel Awla Estiża) fit-28 ta' Frar 2017 fil-Kawża T-257/16, NM vs Il-Kunsill Ewropew**

**(Kawża C-210/17 P)**

**(2017/C 231/18)**

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### **Partijiet**

*Appellant:* NM (rappreżentanti: P.O'Shea, BL, I. Whelan, BL, B. Burns, Solicitor)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kunsill Ewropew

### **Talbiet**

- tannulla fl-intier tiegħu d-digriet tal-Qorti Ġeneral tat-28 ta' Frar 2017 li permezz tiegħu l-Qorti Ġeneral li tiċħad ir-rikors minħabba l-inkompetenza tal-Qorti Ġeneral biex tieħu konjizzjoni tiegħu
- tiddeċiedi b'mod definitiv fuq is-suġġett ta' dan l-appell u tikkunsidra li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi ddikjarat li ma għandhiex ġurisdizzjoni u kkundannat lill-konvenut fil-Kawża T-257/16 għall-ispejjeż tar-riorrent quddiem il-Qorti Ġenerali u fil-kuntest ta' dan l-appell
- tirrinvija l-kwistjonijiet imqajma f'din il-proċedura lill-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċiedi billi tispeċifika li hija għandha obbligu li tiddikjara li hija għandha ġurisdizzjoni

### **Aggravji u argumenti prinċipali**

- 1) Nuqqas ta' motivazzjoni
- 2) Nuqqas ta' eżami adegwat tal-kwistjoni ta' jekk il-ftehim kontenjuż kienx fir-realtà deċiżjoni tal-konvenut
- 3) Ksur ta' kwistjonijiet ta' fatti rilevanti
- 4) Nuqqas ta' eżami tal-provi tal-proċess
- 5) Nuqqas ta' eżami sħiħ u ta' evalwazzjoni tal-kwistjonijiet importanti
- 6) Assenza ta' talbiet ta' informazzjoni addizzjonali rilevanti
- 7) Teħid ta' deċiżjoni mingħajr informazzjoni suffiċjenti disponibbli

8) Méconnaissance des principes établis par la Cour dans l'affaire C-294/83

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Superior de Justicia de Galicia (Spanja) fl-24 ta' April 2017 – Simón Rodríguez Otero vs Televisión de Galicia S.A.**

(Kawża C-212/17)

(2017/C 231/19)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Superior de Justicia de Galicia

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Simón Rodríguez Otero

Konvenuta: Televisión de Galicia S.A.

Il-parti l-oħra: Ministerio Fiscal

**Domandi preliminari**

- 1) Għall-finijiet tal-prinċipju ta' ekwivalenza bejn ġaddiema temporanji u ġaddiema permanenti, għandu jitqies li x-xoljiment tal-kuntratt tax-xogħol minħabba "ċirkostanzi oġġettivi" skont l-Artikolu 49(1)(c) tar-Regolamenti tal-Ħaddiema [Estatuto de los Trabajadores] u x-xoljiment tal-kuntratt tax-xogħol minħabba "raġunijiet oġġettivi" previsti fl-Artikolu 52 tal-imsemmija regolamenti jikkostitwixxu "sitwazzjonijiet paragħunabbli" u li, għaldaqstant, il-kumpensi differenti mhalla fkaż jew fieħor jikkostitwixxu differenza fit-trattament bejn ġaddiema temporanji u ġaddiema permanenti li hija pprojbita mid-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE<sup>(1)</sup>, tat-28 ta' Ġunju 1999, dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fissi [żmien determinat] konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP?
- 2) Fil-każ ta' risposta affermattiva, hemm lok li jitqies li l-għanijiet ta' politika soċjali li ġġustifikaw il-ħolqien tal-“contrato de relevo” jiġiġustifikaw ukoll, skont il-Klawżola 4(1) tal-Ftehim Qafas iċċitat iktar ‘il fuq, id-differenza fit-trattament li tikkonsisti fil-ħlas ta’ kumpens għax-xoljiment tal-kuntratt tax-xogħol li jkun inqas favorevoli fil-każ li l-impriża tiddeċiedi liberamente li l-imsemmi “contrato de relevo” jkun għal żmien determinat?

<sup>(1)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitulu 5, Vol. 3, p. 368

---

**Appell ippreżentat fis-27 ta' April 2017 minn Islamic Republic of Iran Shipping Lines, Hafize Darya Shipping Lines (HDSL), Khazar Sea Shipping Lines Co., IRISL Europe GmbH, IRISL Marine Services and Engineering Co., Irano Misr Shipping Co., Safiran Payam Darya Shipping Lines, Shipping Computer Services Co., Soroush Sarzamin Asatir Ship Management, South Way Shipping Agency Co. Ltd, Valfajr 8th Shipping Line Co. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġeneral (L-Ewwel Awla) fis-17 ta' Frar 2017 fil-Kawża magħquda T-14/14 u T-87/14, Islamic Republic of Iran Shipping Lines et vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

(Kawża C-225/17 P)

(2017/C 231/20)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Appellant: Islamic Republic of Iran Shipping Lines, Hafize Darya Shipping Lines (HDSL), Khazar Sea Shipping Lines Co., IRISL Europe GmbH, IRISL Marine Services and Engineering Co., Irano Misr Shipping Co., Safiran Payam Darya Shipping Lines, Shipping Computer Services Co., Soroush Sarzamin Asatir Ship Management, South Way Shipping Agency Co. Ltd, Valfajr 8th Shipping Line Co. (rappreżentanti: M. Taher, solicitor, M. Lester QC, barrister)